32006R1049

11.7.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 188/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1049/2006

tal-10 ta' Lulju 2006

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li tkun ibbażata fuqha totalment jew parzjalment, jew li żżidilha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb li tapplika tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu ma' negozju ta' oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna 2, skont ir-raġunijiet fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, skont il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 949/2006 (ĠU L 174, 28.6.2006, p. 3).

tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna 2 tat-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tkunx skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott magħmul minn żewġ wejfers emisferiċi vojta minn ġewwa u magħquda flimkien, mimlija bi krema qisha ħalib li ma fihiex kawkaw, u li għandu lewża mqiegħda fih. Il-prodott għandu kisja bajda fuq barra li tikkonsisti minn preparazzjoni bbażata fuq iz-zokkor, ix-xaħam veġetali, ħalib xkumat u ħalib tal-kowkonatt, u miksi bil-kowkonatt maħkuk. Il-prodott għandu forma ta' ballun b'dijametru ta' madwar 2.5 ċm. Il-wejfer moħmija, li ma tidhirx minn barra, hija ħoxna madwar 2 mm.	17049099	Il-Klassifikazzjoni hija ddeterminata bir-Regola Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1704, 170490 u 17049099. Għalkemm il-prodott huwa manufatturat bl-użu ta' wejfer moħmija fil-forma ta' ballun, il-prodott għandu l-karattru ta' ħelu taz-zokkor tat-titlu 1704, u l-istabbilita' tal-prodott ma tiddependix għal kollox fuq il-wejfer. Il-wejfers jistgħu jiġu kklassifikati fit-titlu 1905 biss jekk ikollhom il-karattru ta' oġġetti tal-furnara. It-titlu 1905 ma' għandux limitu għall-kontenut massimu tal-mili ta' prodotti tal-għaġina msajra. Madankollu, il-wejfer ma tagħtix lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu minħabba li sservi biss biex tiffurmah u biex tifred il-mili minn mal-kisja. B'hekk, il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat fit-titlu 1905.
2. Prodott magħmul minn żewġ wejfers emisferiċi vojta minn ġewwa u magħquda flimkien, mimlija b'qalba kremuża tal-qubbajt u karawett li fiha l-kawkaw, u lewża. Huwa kompletament miksi minn barra biċ-ċikkulata u ġellewż maqtugħ biċċiet. Il-prodott għandu forma ta' ballun b'dijametru ta' madwar 3 ċm. Il-wejfer	18069019	Il-Klassifikazzjoni hija ddeterminata bir-Regola Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1(a) tal-Kapitlu 17, Nota 2 tal-Kapitlu 18 u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1806, 180690 u 18069019. Għalkemm il-prodott huwa manufatturat bl-użu ta' wejfer moħmija fil-forma ta' ballun, il-prodott għandu l-karattru ta' ċikkulata mimlija tat-titlu 1806, (Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda għas-

moħmija, li ma tidhirx minn barra, hija ħoxna madwar 2 mm.		subintestaturi 18069011 u 18069019). L-istabilita' tal-prodott ma tiddependiex kompletament fuq il-wejfer. Il-wejfers jistgħu jiġu kklassifikati fit-titlu 1905 biss jekk ikollhom il-karattru ta' oġġetti tal-furnara. It-titlu 1905 ma' għandux limitu għall-kontenut massimu tal-mili ta' prodotti tal-għaġina msajra. Madankollu, il-wejfer lill-prodott ma tagħtihx il-karattru essenzjali tiegħu minħabba li sservi biss biex tiffurmah u biex tifred il-mili minn mal-kisja. B'hekk, il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat fit-titlu 1905.